MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-8 ta' Gunju, 2011

Citazzjoni Numru. 462/2003

Kawza fil-lista: 45

***P X*** **f' isimha proprju,**
**u bhala kuratrici ad litem ta' binha minuri *V X***
**vs**
***T X***

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li l-partijiet izzewwgu fl-1 ta' Ottubru 1981, u minn dan iz-zwieg ghandhom zewg t'itfal, *Z* u *V*, ahwa *X* [li llum t-tnejn huma maggjorenni]; "li l-konvenut irrenda ruhu hati fil-konfront ta' l-attrici ta' swat, vjolenza, sevizzi, eccessi, minacci u ngurji gravi b' mod li rrenda mpossibbli l-hajja konjugali bejniethom."; li l-attrici ottjeniet id-debita awtorizzazzjoni biex tressaq l-istanza odjerna; u ghalhekk l-attrici qed titlob li din il-Qorti: [1][2] tippronunzja s-

separazzjoni personali bejn il-partijiet bi htija tal-konvenut kif fuq indikat, u li tort ta' l-istess iz-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment; [3] tafda l-kura u kustodja tal-minuri f' idejn l-attrici; [4] tordna li l-konvenut jhallas manteniment ghaliha u ghat-tifel minuri; [5][6] ixxolji, tillikwida u tassenja l-komunjoni ta' l-akkwisti; u tinnomina nutar biex jircevi l-att opportun; [7] tapplika fil-konfront tal-konvenut id-dispost ta' l-artikolu 48 Kap.16; bl-ispejjez;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet li biha l-konvenut eccepixxa li: [1] kienet l-attrici li wasslet sabiex iz-zwieg bejn il-partijiet jitkisser irrijmedjabbilment minhabba vjolenza, sevizzi u ngurji gravi da parti taghha fil-konfront tal-konvenut; [2] li t-tfal, inkluz il-minuri, dejjem ghexu mal-konvenut, u ghalhekk il-minuri ghandu jibqa' fil-kura u kustodja tieghu; [3] li mhux dovut manteniment ghall-attrici peress li hi abbandunat il-fond matrimonjali u l-familja taghha, u lanqas ghall-minuri peress li dan jirrisjedi mieghu; [4] li ma hemmx l-lok ghad-dekadenza da parti tieghu.

Rat ir-rapport tal-perit legali l-Avukat Dottor Zammit Lewis[1]; kif ukoll ir-rapport tekniku tal-perit gudizzjarju l-AIC Mario Cassar[2];

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati, u n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

**Ikkunsidrat;**

**L-Azzjoni**

Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob is-separazzjoni personali minn ma' zewgha l-konvenut ghar-ragunijiet kontemplati fl-artikolu 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, unikament imputabbli lilu; kif ukoll qed titlob sabiex din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni.

---

[1] Fol. 209 *et seq.*
[2] Fol.112 *et seq.*

Minn naha tieghu l-konvenut jattribwixxi l-htija tas-separazzjoni unikament lill-attrici, fit-termini ta' l-artikolu precitat, kif ukoll minhabba abbandun da parti ta' l-attrici.

**Separazzjoni Personali**

*Il-Fatti*

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fl-1 ta' Ottubru 1981 u minn dan iz-zwieg twieldu zewg t'itfal, *Z* u *V*, ahwa *X*, li twieldu rispettivament fit-23 ta' Lulju 1984 u fit-8 ta' Otturbu 1988, u li ghalhekk illum it-tnejn huma maggjorenni.

Illi l-attrici telqet mid-dar konjugali fis-19 ta' Awissu 2002.

*Verzjoni attrici*

L-attrici tghid li hi kienet imdejjqa tghix mal-konvenut peress li dan kien jghajjarha u jsawwatha. Hi tghid li "zewgi minn dejjem kien ftit selvagg, jigifieri bniedem li ma jhobbx jaghmel kumplimenti."[3] Kien jindirizzaha bi kliem mhux xieraq u b' tghajjir fil-konfront ta' membri tal-familja taghha. Tirrakkonta okkazzjonijiet meta kien taha xeba', fosthom f' dik l-okkazzjoni meta l-partijiet kellhom xi jghidu fuq in-nammrata tat-tifel il-kbir. F' dik l-okkazzjoni huwa kien refa' jdejh fuqha fil-prezenza ta' l-istess tfajla u binhom il-kbir. Tghid li: "ibni [*Z*] fil-fatt kemm-il darba dahal bejnietna biex iferraqna."[4]

L-attrici tghid li wara din l-okkazzjoni hija kienet telqet mid-dar konjugali u marret toqghod ghand is-sorijiet tal-Bon Pastur f' Hal Balzan, filwaqt li t-tifel iz-zghir *V*, mar jghix m'oht l-attrici. Wara circa sena l-attrici marret tghix ghand ohtha, filwaqt li t-tifel *V* fuq inizjattiva tieghu mar lura jghix mal-konvenut u huh il-kbir.

L-attrici tallega li l-konvenut kien jaghti kunfidenzi lil certu Dorothy Tabone, u gieghli ratu hiereg mid-dar taghha, okkazzjoni minnhom fin-12.30 am. Dan kien bejn Settembru u Ottubru 2004.

---

[3] Fol.19
[4] Fol.20

*Verzjoni Konvenut*
Illi l-konvenut jghid li "ma nafx ghalfejn il-mara zzewwget".[5] Jispjega li l-inkwiet bejniethom beda mill-bidu taz-zwieg fis-sens li kienu jitlewwmu "peress li [l-attrici] ta' kuljum kienet titlaq mid-dar [konjugali] u tghid li tmur ghand ommha. Kienet taghmel hekk kuljum mis-saghtejn ta' wara nofs in-nhar [2.00 pm] u terga' lura fit-tmienja ta' filghaxija [8.00 pm]. Kienet trid tmur anke nhar ta' Hadd, u jien hemm hekk oggezzjonajt ghax dik l-unika gurnata li kont inkun id-dar, u bdejt inhoss li kienet qed titrattani ta'annimal."[6]

Jghid li peress li hi kienet titlaq il barra, "kien ikolli nsajjar jien ghax ma kienet tlesti xejn qabel ma titlaq ….. Din l-affari kienet tigri ta' **kuljum**, u baqghet sejra sakemm hi telqet ghal kollox mid-dar."[7]

Jghid ukoll li, wara t-twelid tat-tieni wild, l-intimita' bejniethom "ma kien fadal xejn u hi kienet torqod f' kamra ohra……baqghet torqod fil-kamra tat-tifel iz-zghir sakemm telqet, u cioe' meta t-tifel kellu hmistax [15]-il sena."

Il-konvenut jammetti li kienu jitlewwmu hafna; izda, hlief ghal okkazzjoni wahda, il-fuq minn wiehed u ghoxrin sena ilu, meta l-attrici sfidatu u dahlet id-dar siegha tard, hu ma kienx jerfa' idejh fuq martu, u qatt m'ghajjarha bil-kliem kif allegat mill-attrici.

Illi fil-prezent il-konvenut qed jghix fid-dar konjugali flimkien maz-zewg t'itfal tieghu, u t-tfajla tat-tifel il-kbir, flimkien mat-tarbija taghha.

*Konsiderazzjonijiet tal-Qorti*
Illi din il-Qorti, wara ezami rett tal-provi, hija tal-fehema li jirrizulta sodisfacentement li matul il-konvivenza matrimonjali l-attrici kienet soggetta ghall-vjolenza morali, u okkazjonalment anke fizika.

[5] Fol.58
[6] Ibid.
[7] Ibid.

Illi, ghalkemm dan gie michud mill-konvenut, ix-xhieda tat-tifel *Z* [li baqa' jghix mal-konvenut bit-tfajla tieghu u bit-tarbija taghhom] taghti konfort qawwi lit-tezi attrici f' dan ir-rigward. Dan jghid: "Minn meta ghalaqt l-ghaxar [10] snin niftakar li ta' sikwit ikun hemm l-inkwiet bejn il-genituri. Kienu ta' spiss jitghajjru, u nista' nghid li missieri gieli refa' jdejh fuq ommi. L-argumenti kienu jkunu dwar membri ohra tal-familja, per ezempju l-kunjati u huthom."[8]

Illi minn naha taghha l-attrici, li wara tlett snin miz-zwieg kienet waqfet tahdem, kienet tonqos serjament mid-dmirijiet taghha ta' mara tad-dar meta kienet tqatta' nofs ta' nhari shah **kuljum** ghand ommha, minghajr ma tlesti l-ikel ghall-familja.

Dan il-komportament jassumi aktar gravita' fid-dawl ta' dak allegat mill-konvenut li din kienet tmur ghand ommha anke fil-gurnata tal-Hadd meta l-konvenut kien ikun liberu u ghalhekk ikollu cans iqatta' hafna hin ma' martu, u uliedu.

Dawn il-fatti allegati ma gewx michuda jew kontraddetti, u l-Qorti tikkunsidra dan il-komportament tal-attrici, allura mara tad-dar, bhala wiehed abbuziv fil-konfront ta' zewgha u li ikkontribwixxa serjament ghad-deterjorazzjoni tal-hajja konjugali bejn il-partijiet. Kif xehed il-konvenut, ir-relazzjonijiet intimi wara t-twelid tat-tieni tifel, seba' snin mid-data taz-zwieg, kienu kwazi spiccaw.

Il-Qorti tikkunsidra li l-komportament taz-zewg partijiet f' dan iz-zwieg, fil-konfront ta' xulxin, ezercitat fuq bazi abitwali u ripetut, kien tali li rrenda l-konvivenza nsapportabbli ghall-konjugi l-iehor, u ghalhekk jikkwalifika bhala 'sevizzi' fit-termini ta' l-artikolu precitat.

Illi rigward l-imputazzjoni da parti tal-konvenut li l-attrici abbandunat id-dar konjugali, il-Qorti tosserva li r-rekwizit taz-zmien ma jikkonfigurax, stante li, filwaqt li hu pacifiku li l-attrici telqet mid-dar fis-19 ta' Awissu 2002, ic-citazzjoni

[8] Fol.23

odjerna giet prezentata fit-13 ta' Mejju 2003, u ghalhekk il-perijodu tas-sentejn kien ghadu m'ghadhiex.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hi tal-fehema li jirrizulta provat li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment, htija taz-zewg partijiet minhabba sevizzi kommessi fil-konfront ta' xulxin; izda fic-cirkostanzi dan ma jghatix lok ghad-dekadenza.

**Kura u Kustodja**
Illi dan il-kap gie sorvolat meta t-tifel *V* sar maggjorenni.

**Manteniment**
Illi f' dan ir-rigward il-Qorti tikkondividi pienament il-konsiderazzjonijiet u konkluzjonijiet tal-perit legali kontenuti fir-raport tieghu fis-sezzjoni ntestata 'Mantenimnet', u taddottahom fl-intier taghhom. [fols.251 – 255].

Jigi osservat li, ghalkemm mill-provi jirrizulta li l-licenzja tal-konvenut ghall-ipprocessar [qatla, qtugh u ppakjar] tat-tigieg, kienet giet sospiza mid-dipartiment koncernat, izda din is-sospensjoni ma tolqotx il-fakolta' tal-konvenut li jimporta t-tigieg u jbighhom f' retail outlet kif fil-fatt irrizulta provat li qed jaghmel.

Illi, stante li mill-provi jirrizulta sodisfacentement li l-konvenut ghandu ntrojtu mill-gestazzjoni ta' hanut fl-istess farm tieghu, u ghalhekk ghandu potenzjal li jiggenera ntrojut regolari, u, stante li l-potenzjal tal-konvenuta li ssib xoghol illum huwa zghir tenut kont tal-fatt li llum ghandha circa 56 sena, u, tenut kont tal-htijiet rispettivi ghas-separazzjoni, il-Qorti tordna li l-konvenut jibqa' jivversa lill-attrici s-somma settimanali ta' seba' u erbghin ewro [€47].

*Manteniment Arretrat*
Illi fl-20 ta' April 2004 din il-Qorti kienet awmentat l-quantum tal-manteniment dovut mill-konvenut ghall-attrici, ghal €47 [LM20] fil-gimgha. Mill-provi jirrizulta provat u anke ammess mill-konvenut, li minn dak in-nhar 'il quddiem huwa ma vversa ebda manteniment lill-attrici ghaliha. Ghalhekk ghadu dovut lill-attrici bhala

manteniment arrettrat l-ammont komplessiv ta' sbatax-il elf, hamsa u hamsin ewro u sittin centezmu [€17,055.60], rapprezentanti manteniment bir-rata fuq indikata ghall-perijodu li jestendi mill-20 ta' April 2004 sat-8 ta' Gunju 2011.

Ghaldaqstant tordna li l-konvenut jivversa lill-attrici manteniment settimanali ta' €47, kif ukoll jhsllas lill-attrici s-somma ta' €17,055.60[9], manteniment arretrat.

**Komunjoni ta' l-Akkwisti**
Din tikkonsisti f' zewg vetturi, il-mobbli li hemm fid-dar konjugali, ghajr ghall-kamra tas-sodda li hi parafernali tal-konvenut.

Illi tezisti kwistjoni dwar id-dar konjugali bl-isem 'GeoMar' Triq is-Sewwieqa, Hamrun. Fil-fatt, il-vertenza principali f'din il-kawza, ghal dak li hu l-aspett patrimonjali taghha, hija jekk dan il-fond jifformax parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti.

Illi mill-provi jirrizulta li qabel iz-zwieg missier-il konvenut ta' l-pussess ta' bicca art lill-konvenut sabiex jibni dar fuqha . Il-konvenut bena d-dar li kienet lesta qabel iz-zwieg hlief ghal poggaman; fil-fatt meta l-partijiet izzewwgu u dahhlu joqghodu fid-dar kien hemm lesti ukoll z-zewg kmamar tal-banju, u l-kamra tas-sodda. Dawn kollha saru qabel iz-zwieg.

Il-konvenut jispjega li, ghalkemm missieru kien tah l-art, dana naqas li jersaq ghall-kuntratt relattiv, stante li kienet inqalghet kwistjoni familjari li fiha l-konvenut kien zamm m'ommu, bir-rizultat li kien iggieled ma' missieru. Izda eventwalment sar il-kuntratt ta' trasferiment fis-27 ta' Lulju 1988, u cioe' sitt snin circa wara z-zwieg.

Illi fl-istess kuntratt il-komparenti ddikjaraw li l-konvenut qed jakkwista b'titolu ta' komprovendita l-art li fuqha

[9] 7yrs x 52wks = 364wks + 2wks = 366 x LM20 = LM7,320 x 2.33 = €17.055.60

nbniet id-dar konjugali, u wkoll li dak kollu li kien hemm mibni fuq din l-art kien sar mill-konvenut esklussivament.

Illi l-attrici ssostni li hi kienet taghti flus lill-konvenut qabel iz-zwieg ghall-bini tad-dar, izda ma gabitx provi f' dan ir-rigward.  Hija tghid ukoll li, gjaladarba d-dar nxtrat fiz-zwieg, allura din tidhol fil-komunjoni ta' l-akkwisti, filwaqt li l-konvenut ghandu kreditu kontra l-komunjoni tal-flus li hu kien hareg ghal bini tad-dar, u li jammontaw ghal LM8,112.59 [illum €18,897.25].

Minn naha tieghu l-konvenut jsostni li, filwaqt li huwa minnu li l-art giet legalment trasferita lilu matul iz-zwieg, u allura hija parti mill-komunjoni ta' akkwisti, il-benefikati u cioe' dak kollu li sar fuqha ghandhom jigu smati bil-valur tal-lum u mhux jinghataw biss l-ispejjez li hu kien hareg qabel iz-zwieg, ghax wara kollox il-komunjoni arrikkiet ruhha bil-valur illum.

Illi l-perit ivvaluta d-dar shiha fl-ammont ta' LM90,000 [illum €209,643.61], filwaqt li vvaluta l-art fl-ammont ta' LM45,000 [illum €104,821.81].

Illi l-perit legali esprima l-fehema tieghu fis-sens li, legalment gjaladarba il-benefikati saru parti ntegrali mill-art in kwistjoni bil-principju tal-accessio, u gjaladarba l-proprjeta' tal-fond kollu giet legalment trasferita waqt iz-zwieg, allura l-fond huwa meqjus fil-ligi bhala parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti, filwaqt li l-konvenut ghandu kreditu favur il-komunjoni  fl-ammont ta' flus li hu kien hareg fil-kostruzzjoni tal-fond, u li mid-dokumenti ezebiti jirrizultaw fl-ammont komplessiv ta' LM8,112.59 [illum €18,897.25].

Illi in propozitu l-Qorti hi tal-fehema li fic-cirkostanzi ghandha tabbraccja t-tezi tal-konvenut fis-sens li l-fond jitqies bhala parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti, izda l-benefikati, li jikkostitwixxu l-kreditu tal-konvenut fil-konfront tal-komunjoni, ghandhom jigu kkunsidrati fil-valur taghhom fil-mument tal-likwidazzjoni, kif del resto qed jigi kkunsidrat il-valur ta' l-art li fuqha nbniet id-dar.

Ghalhekk, tenut kont tal-fatt li d-dar kollha nbniet mill-konvenut a spejjez tieghu, dan ghandu kreditu fil-konfront tal-komunjoni fl-ammont ta’ LM45,000 [illum €104,821.81] rapprezentanti valur tal-benefikati.

Ghaldaqstant tordna li l-imsemmi fond jinbigh fuq is-suq hieles fi zmien sena, u fin-nuqqas, jinbiegh bis-subbasta – dejjem ghall-prezz mhux inferjuri ghas-somma ta’ €209,643.61; u r-rikavat, wara li jitnaqqas minnu l-ammont ta’ €104,821.81 biex jigi konsenjat lill-konvenut, jinqasam ugwalment bejn il-partijiet.

Illi l-istess qsim qed issir ghall-effetti mobbli li jezitu fid-dar konjugali, salv ghal kamra tas-sodda li hi parafernali tal-konvenut, fis-sens li dawn ghandhom jinqassmu b’ valur ugwali bejn il-partijiet; u fin-nuqqas ta’ ftehim ghandhom jigu valutati mill-istimatur Vincent Ciliberti li qed jigi nominat espert ghal dan l-iskop, a spejjez taz-zewg partijiet, jaghmel pjan ta’ qasma f’ zewg porzjonijiet ugwali, li ghandhom jigu assenjati lill-partijiet bix-xorti.

Illi rigward il-vetturi Isuzu Van CAR-854 u l-van Escort JAF-028 li huma fil-pussess tal-konvenut, il-Qorti tikkondividi l-konkluzjoni tal-perit legali, u, filwaqt li sehem l-attrici f’dawn il-vetturi qed jigi assenjat lill-konvenut, dan ghandu jirrifondi lill-attrici nofs il-valur taghhom li din il-Qorti qed tiffissa arbitrio boni viri fl-ammont globali ta’ €6,988 [ekwivalenti ghal LM3,000], u ghalhekk ghandu jghati lill-attrici s-somma ta’ €3,494 [ekwivalenti ghal LM1,500]. Minn naha tieghu l-konvenut huwa kreditur versu l-komunjoni fl-ammont ta, €6,988 [ekwivalenti ghal LM3,000], u ghalhekk l-attrici ghandha tghati lill-konvenut il-bilanc ta’ €3,494 [ekwivalenti ghal LM1,500].

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi:

[1] tilqa’ l-ewwel u t-tieni talba fis-sens li tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, htija ta’ tnejn;

[2] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba stante li l-minuri sar maggjorenni;

[3] tilqa’ ir-raba’ talba fit-termini u kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata ‘Manteniment’;

[4] tilqa' il-hames talba u tinnomina lin-Nutar Dottoressa Sylvana Borg Caruna biex tircevi l-att opportun, u tordna li l-kuntratt isir fi zmien xaharejn fl-edifizju tal-Qorti, fil-gurnata u hin stabbiliti mill-istess nutar;
[6] tichad is-seba' talba.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati mill-partijiet konguntivament fi kwoti wgwali bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------